# Moħħi Mistrieħ

Andrew Debono Cauchi

moħħi mistrieħ
li xi mkien,
f'xi ħin,
naf li nista' nsibek.

b'subgħajk jgħallu
metafora fuq spiritiera,
tferragħha u ttihieli ngħannaqha.

kliemek inħobb nilbsu ssikkat
biex narak quddiem il-mera.

nigdem kull sillaba
hi u tfexfex fuq ilsieni,
zokkor f'qiegħ it-tazza.

imbikkma fuq il-preżent veru,
ferħana fuq il-futur virtwali.

moħħi mistrieħ
li f'kull spazju, f'kull imkien,
f'kull siegħa, f'kull minuta,
f'kull tektika tas-sekondiera,
ħa nsibek. tistenna. b'qalbek tħabbat.